MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 216/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexia Cross**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alexia Cross talli:

(1) f'Mejju 2007 u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b'qerq ta' aktar minn elf liri Maltin ghad-dannu ta'

Raymond Avallone, Joseph Lewis, tal-Bank of Valletta plc, ta’ Ray’s Garage (Qormi) u ta’ Lewis Jewellery (St. Venera);

(2) fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommettiet serq ta’ diversi cekkijiet mic-*cheque book* tal-Bank of Valletta plc li jappartjeni lil Ray’s Garage, liema serq sar ghad-dannu ta’ Ray’s Garage u ta’ Raymond Avallone u ma jaqbiszx l-ghaxar liri Maltin;

(3) fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, li jappartjenu lil Ray’s Garage, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

(4) b’hekk kisret ordni ta’ probation meta wettqet reat fi zmien il-perijodu ta’ tliet snin minn sentenza tal-probation moghtija fit-12 ta’ April 2007 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imsemmija Alexia Cross ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-10 ta’ Mejju 2010 li

permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Alexia Cross hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u, wara li rat l-artikoli 183, 184, 284, 285, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatha hmistax-il xahar prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Alexia Cross pprezentat fl-20 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberaha minn kull piena u imputazzjoni u, fin-nuqqas, tvarjaha u timmodifikaha billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitha hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha, u tvarjaha ghar-rigward il-piena billi tibdel il-piena ghal wahda anqas harxa;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet ix-xiehda ta' l-ufficjal tal-*probation* Chantelle Avellino u ta' Dr. Marx Xuereb; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ma ngabet l-ebda prova li kienet hi li hadet ic-cekkijiet in kwistjoni; (2) li ma jirrizulta minn imkien li r-reati addebitati lill-appellanti sehhew f'Mejju 2007 jew fil-gimghat ta' qabel; (3) li konsegwentement ma giex stabbilit jekk ir-reati in kwistjoni sarux f'perijodu ta' *probation*; (4) li l-ufficjal prosekutur naqas li jaghraf lill-appellanti tul il-kors kollu tal-proceduri u ghalhekk ix-xhieda li nstemghu ma setghux jigu abbinati maghha; (5) li l-appellanti kienet precedentement giet akkuzata bi ksur tal-*probation* u nstabet hatja ta' hekk b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Dicembru 2007 u ghalhekk ma setghetx terga' tigi akkuzata u tinsab hatja ta' tali ksur; (6) li hija ghandha tarbija ta' ftit xhur li ghadha *breastfeeding* u ghalhekk ma tisatx tiskonta piena karcerarja u tiehu hsieb it-tarbija; (7) li, minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal qabel, hemm lok ta' mitigazzjoni tal-piena.

**6.** L-ewwel aggravju huwa ghal kollox fieragh peress illi fl-istqarrija lill-Pulizija l-appellanti tammetti li kienet hi li

hadet ic-cekkijiet. Fl-istqarrija tghid: “Hin minnhom Ray [Avallone] warrab minn fuq l-iskrivanija tieghu, u ndunajt li kellu c-*cheque book* fuq il-mejda. Qbadt u hadt xi erbgha jew hamsa minnhom billi qattajthom mic-*cheque stub.*” Ammissjoni aktar cara minn hekk ma tistax tkun. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju huwa michud.

**7.** Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti tghid li l-prosekuzzjoni ma gabitx prova dwar l-element taz-zmien meta suppost twettqu r-reati addebitati lilha. Il-prova principali u inekwivoka dwar meta l-appellanti ghamlet it-transazzjonijiet mertu tal-kaz jirrizulta mic-cekkijiet stess. Fuq dawn ic-cekkijiet fil-parti ta’ quddiem hemm id-data – tnejn minnhom datati 10 ta’ Mejju 2007 u tlieta minnhom datati 15 ta’ Mejju 2007 – filwaqt illi fuq in-naha ta’ wara ta’ kull cekk hemm id-dati meta dawn gew depozitati l-Bank mill-persuni li lilhom Alexia Cross iggirat dawn ic-cekkijiet. Tlieta minnhom (dawk enumerati 5577, 5598 u 5601) gew *“credited to the account”* ta’ Joseph Lewis fil-15 ta’ Mejju 2007, wiehed (dak enumerat 5591) gie *“credited to the account”* tal-Maypole Confectionery fis-17 ta’ Mejju 2007 u iehor (dak enumerat 5607) gie *“credited to the account”* ta’ Joseph Lewis fit-23 ta’ Mejju 2007. Barra minn hekk, fl-istqarrija taghha l-appellanti tghid li dan ghamlitu ghax kellha thallas xi ammont lil xi persuna li kien mar jistenniha hdejn l-iskola tat-tifla u riedhom fi zmien tmienja u erbghin siegha. Difatti fl-istess stqarrija tkompli tghid li dak li ghamlet ghamlitu ghax kellha hajjitha u hajjet il-familja taghha fil-periklu. Dan ifisser li, una volta kellha c-cekkijet f’idejha, zgur kienet se tara kif taghmel biex iggib il-flus bla ebda dewmien. Kwindi, dan kollu jikkostitwixxi evidenza inkonfutabbli li r-reati mwettqa mill-appellanti twettqu proprju fil-perijodu msemmi fl-akkuza. Ghalhekk it-tieni aggravju huwa michud u konsegwentement ukoll it-tielet aggravju.

**8.** Ir-raba’ aggravju huwa wiehed fieragh ghall-ahhar. Kien l-ufficjal prosekutur li kkonferma c-citazzjoni kontra l-appellanti bil-gurament. Kienet l-appellanti li, fl-ezami, tat partikolaritajiet li huma l-istess bhal dawk li jinsabu fic-citazzjoni u li wiegbet ghall-akkuza li ngabet kontra taghha mill-imsemmi Spettur Abdilla. Kien l-Ispettur Abdilla li

xehed fir-rigward ta’ l-appellanti Alexia Cross u esebixxa stqarrija taghha fejn jinsabu l-partikolaritajiet kollha taghha li gew riprodotti fic-citazzjoni. Kien l-Ispettur Abdilla li xehed dwar l-investigazzjoni li ghamel fir-rigward ta’ Alexia Cross li mbaghad “tressqet il-Qorti fuq dan il-kaz skond l-akkuzi.” Kien l-Ispettur Abdilla li xehed li Alexia Cross kienet diga` maghrufa maghhom (il-Pulizija ta’ l-*economic crimes*) “ghal serje ta’ reati ohra li kienet wettqet”. L-appellanti mbaghad qatt ma cahdet li hi Alexia Cross. Anzi fl-ezami, ghall-mistoqsija x’jisimha u x’kunjomha, wiegbet “Alexia Cross”. Konsegwentement dan l-aggravju huwa michud.

**9.** Kwantu ghall-hames aggravju din il-Qorti l-ewwelnett tghid li ma tlumx lill-prosekuzzjoni li akkuzat lill-appellanti bi ksur tal-*probation*, u dan peress illi din il-kawza giet istitwita qabel dik li dwarha nghatat is-sentenza tas-6 ta’ Dicembru 2007 li kopja taghha giet esebita mar-rikors ta’ appell. Imbaghad, ghalkemm l-ewwel Qorti ddikjarat lill-appellanti hatja ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, hija xorta wahda ma ttrattatx ma’ l-appellanti ghall-ksur tal-*probation*, u dan iddikjaratu l-ewwel Qorti stess: “Illi dwar ir-reati li taghhom instabet hatja fit-12 ta’ April 2007 u li ghalihom tpoggiet taht  probation il-Qorti qed taghzel li ma tittrattax ma’ l-imputata.” Jigifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti tirrigwarda biss ir-reati addebitati lilha fil-kaz odjern, li ovvjament ma jinkludix il-ksur tal-*probation* li mhuwiex meqjus bhala reat. Ciononostante, stante li s-sentenza msemmija tas-6 ta’ Dicembru 2007 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali diga` ttrattat ma’ l-appellanti ghall-ksur tal-*probation* moghti b’sentenza ta’ dik il-Qorti tat-12 ta’ April 2007, l-ewwel Qorti kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-imputazzjoni li kienet kisret ordni ta’ *probation*.

**10.** Permezz ta’ l-ahhar aggravji l-appellanti qieghda bazikament titlob il-klemenza tal-Qorti. Inoltre pproduciet bhala xhud taghha lill-ufficjal tal-*probation* Chantal Avellino li qalet li hi u l-appellanti hadmu tajjeb flimkien, li l-appellanti zammet il-kuntatt maghha u l-appuntamenti attendiethom b’mod tajjeb, li l-appellanti ghandha tarbija

ta’ ftit xhur u li meta ghamlet *surprise home visit* sabet ambjent tal-familja sodisfacenti. Din il-Qorti semghet ukoll ix-xiehda ta’ Dr. Mark Xuereb li issa ilu jsegwiha professjonalment ghal aktar minn tliet snin, forsi b’mod aktar intensiv matul l-ahhar sena. Meta xehed l-ewwel darba fl-24 ta’ Novembru 2010 spjega l-*personality disorder* li tbati minnha l-appellanti u l-htiega ta’ assistenza psikologika u medika. Meta rega’ xehed fl-1 ta’ Gunju 2011 qal li ma kien qieghed jara l-ebda tracca ta’ *“old life style and habits”* izda li kien jehtieg li tibqa’ tiehu t-terapija necessarja.

**11.** Fic-cirkostanzi hija l-fehma ta’ din il-Qorti li huwa opportun illi l-appellanti tinghata l-ahhar opportunita` biex turi li verament issa tinsab fit-triq tar-riforma. Dan kemm billi titqieghed taht *probation* – u dan wara li din il-Qorti fissret lill-appellanti l-effett ta’ l-ordni u l-kundizzjonijiet proposti li jiddahhlu fl-ordni u fissritilha li jekk tonqos milli tikkonforma ruhha ma’ l-ordni jew taghmel xi reat iehor, hija tista’ tinghata sentenza ghar-reat originali. u l-appellanti ddikjarat li kienet lesta toqghod taht dak l-ordni ta’ *probation* u taht il-kundizzjonijiet li ndikatilha l-Qorti – b’kundizzjonijiet adegwati li jistghu jassiguraw *continuum* fil-progress s’issa registrat, kif ukoll billi tigi ordnata thallas lill-vittmi dak li hija akkwistat bl-agir illecitu taghha. Mill-atti jirrizulta li s-somma akkwistata minnha frawdolentement kien ta’ Lm1,550 (Lm100 ghad-dannu ta’ Carmel Debono tal-Maypole Confectionery u Lm1,450 ghad-dannu tal-Bank of Valletta) ekwivalenti ghal €3,610.53, li minnhom l-appellanti hallset lura biss is-somma ta’ €150 lill-Bank of Valletta. Ma ngabet l-ebda prova li minn mindu sar dak il-pagament fis-26 ta’ Ottubru 2009 hija ghamlet xi pagament iehor.

**12.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imputazzjoni li kisret l-ordni ta’ *probation* moghti fit-12 ta’ April 2007, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghal prigunerija ghal perijodu ta’ hmistax-il xahar u minflok tqieghdha taht *probation* a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perijodu ta’ tliet snin millum taht is-sorveljanza ta’ ufficjal

tal-*probation* li jigi/tigi nominat/a ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness. Tordna li kopja ta’ l-ordni ta’ *probation* tigi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Ufficjal Principali tal-*Probation*. Din il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem li hija tifhem l-effett ta’ l-ordni u li jekk tonqos milli tikkonforma ruhha ma’ l-ordni jew taghmel xi reat iehor, tista’ tinghata sentenza ghar-reat originali. Inoltre a tenur ta’ l-artikolu 24(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-hatja Alexia Cross thallas (kemm-il darba ghadha ma hallsitx) is-somma ta’ €232.94 lil Carmel Debono tal-Maypole Confectionery u s-somma ta’ €3,377.59 lill-Bank of Valletta. Il-modalita` ta’ pagament jigi determinat bl-assistenza ta’ l-ufficjal tal-*probation*. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------